2023/2529

20.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2529

tas-17 ta' Novembru 2023

li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, li jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni u li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjunarju fid-dominju tas-saħħa skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fil-livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 13(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS) hu stħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali fid-dominju tas-saħħa li jipprovdi informazzjoni statistika dwar l-istatus tas-saħħa, id-determinanti tas-saħħa u l-attivitajiet tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni. Hu sors ta' referenza ewlieni tal-Unjoni għall-politiki bbażati fuq l-evidenza u relatati mas-saħħa, inkluż dawk dwar l-inklużjoni u l-protezzjoni soċjali, l-istili tal-ħajja sana, it-tixjiħ u l-benesseri sani, l-inugwaljanzi tas-saħħa, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, u l-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

(2) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni eżatta tal-EHIS, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, il-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, u l-arranġamenti dettaljati għall-kontenut u t-trażmissjoni tar-rapporti tal-kwalità.

(3) Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer ([2]) għandu l-għan li jindirizza l-perkors kollu tal-marda. Hu strutturat fuq erba' oqsma ta' azzjoni ewlenin fejn l-Unjoni tista' żżid l-akbar valur, jiġifieri l-prevenzjoni, id-detezzjoni bikrija, id-dijanjożi u t-trattament, u l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti u s-superstiti tal-kanċer. Anki l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ([3]) tinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni ([4]), u tippromwovi l-konsum tal-ikel sostenibbli u tiffaċilita l-bidla favur dieti sani u sostenibbli.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli ([5]), mehmuża mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura ([6]), tistabbilixxi qafas ta' politika biex jiggwida l-iżvilupp ta' kura fit-tul sostenibbli li tiżgura aċċess aħjar u aktar affordabbli għal servizzi ta' kwalità għal kulħadd, u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fis-settur.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.
([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" (COM(2021) 44 final tat-3 ta' Frar 2021).
([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM(2020) 381 final tal-20 ta' Mejju 2020).
([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019).
([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1).
([6]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022) 440 final tas-7 ta' Settembru 2022).

(5) Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, hija wieħed mill-elementi ewlenin ta' ekonomija tal-UE li taħdem għan-nies.

(6) Il-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika nazzjonali dwar is-saħħa teħtieġ l-użu ta' klassifikazzjonijiet statistiċi għall-unitajiet territorjali, l-edukazzjoni, l-okkupazzjoni u s-settur ekonomiku li jkunu kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS ([7]), ISCED ([8]), ISCO ([9]) u NACE ([10]).

(7) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-attività fiżika favur is-saħħa (HEPA) fis-setturi kollha ([11]) tħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw approċċi ta' politika transsettorjali u pjanijiet ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-attività fiżika, u tistabbilixxi qafas għall-monitoraġġ tal-progress tal-indikaturi tal-HEPA f'oqsma tematiċi rilevanti.

(8) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/397 dwar il-metadata ta' referenza u r-rapporti tal-kwalità ([12]) tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tagħhom japplikaw, meta jkunu qed jikkompilaw il-metadata ta' referenza u r-rapporti tal-kwalità, il-kunċetti statistiċi elenkati fl-aħħar verżjoni tal-Istruttura Unika Integrata tal-Metadata.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data*, jistabbilixxi l-formati tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u jispeċifika l-arranġamenti dettaljati għall-kontenut u t-trażmissjoni tar-rapporti tal-kwalità fl-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS).

L-EHIS għandu jikkonċerna l-istatus tas-saħħa, il-kura tas-saħħa u d-determinanti tas-saħħa, kif ukoll karatteristiċi soċjodemografiċi tal-popolazzjoni ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 4.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "perjodu ta' referenza" tfisser il-perjodu li għalih jirreferi punt partikolari ta' informazzjoni;

(2) "attwali" tirreferi għas-sitwazzjoni fil-mument tal-intervista;

(3) "prokura" tfisser, b'referenza għal intervista, sitwazzjoni meta l-informazzjoni mitluba lir-rispondent magħżul tkun ingħatat minn persuna terza (inkluż membru ieħor tal-unità domestika jew xi ħadd barra mill-unità domestika li jieħu ħsieb lir-rispondent magħżul) mingħajr ma tiġi vvalidata mir-rispondent magħżul. Din it-terza persuna tkun qrib u taf tajjeb ħafna lir-rispondent magħżul;

(4) "metadata" tfisser *data* li tiddefinixxi u tiddeskrivi *data* oħra, il-metodoloġija użata u l-proċessi statistiċi tan-negozju.

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([8]) Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 2011.

([9]) Il-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi, il-verżjoni tal-2008.

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transsettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa (ĠU C 354, 4.12.2013, p. 1).

([12]) ĠU L 53, 21.2.2023, p. 104.

Artikolu 3

Kunċetti statistiċi u deskrizzjoni tal-varjabbli

1. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kunċetti statistiċi stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-karatteristiċi tekniċi tal-varjabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II u għandhom jirreferu għal:

(a) l-identifikatur tal-varjabbli;

(b) isem il-varjabbli;

(c) il-perjodu ta' referenza;

(d) il-kodiċi tal-modalità u t-tikketta;

(e) filtru.

Artikolu 4

Karatteristiċi tal-popolazzjonijiet statistiċi u tal-unitajiet ta' osservazzjoni

1. Il-popolazzjoni ta' referenza għandha tikkonsisti minn persuni ta' 15-il sena u akbar, li normalment ikunu jgħixu f'unitajiet domestiċi privati li jinsabu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat fil-mument tal-ġbir tad-*data*.

2. It-territorji nazzjonali elenkati fl-Anness III għandhom jiġu eskluży mill-kampjun. Mill-kampjun jistgħu jiġu eskluży wkoll partijiet żgħar tat-territorju nazzjonali li ma jammontawx għal iżjed minn 2 % tal-popolazzjoni nazzjonali. L-informazzjoni dwar dawk it-territorji nazzjonali għandha tingħata fil-metadata ta' referenza.

Artikolu 5

Perjodi ta' referenza

Il-perjodi ta' referenza għall-varjabbli għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness II.

Artikolu 6

Karatteristiċi dettaljati tal-kampjun

1. Għandhom isiru mill-anqas tliet tentattivi biex jiġi kkuntattjat rispondent qabel ma dan jitneħħa mill-istħarriġ, ħlief f'dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-indirizz ma jkunx jista' jinstab;

(b) l-indirizz ma kienx residenzjali jew ma kienx okkupat;

(c) il-persuna ma nstabitx fl-indirizz;

(d) il-persuna ma setgħetx twieġeb, inkluż minħabba inkapaċità;

(e) il-persuna tirrifjuta b'mod definit li tikkoopera;

(f) iċ-ċirkostanzi pperikolaw is-sikurezza tal-intervistatur.

2. F'każijiet debitament ġustifikati, u sa fejn ikun meħtieġ biss, għandha titħalla ssir sostituzzjoni kkontrollata. Għandhom jitħallew isiru sostituzzjonijiet ikkontrollati tal-unitajiet tal-kampjun (unitajiet domestiċi jew persuni), jekk tirriżulta xi waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1, jew jekk wara tliet tentattivi ma tkunx tista' tiġi kkuntattjata l-unità tal-kampjun.

3. Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri biex ikun żgurat li l-proċess tas-sostituzzjoni jkun ikkontrollat sal-aktar livell possibbli. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-użu ta' disinn li jiżgura li s-sostituti magħżula jkunu jaqblu ferm mal-persuni li jkunu qed jeħdulhom posthom mil-lat tal-karatteristiċi sinifikanti tagħhom.

4. Is-sett tal-persuni tal-kampjun bħala sostituzzjoni għandu jiġi definit qabel il-ġbir tad-*data*. Ma għandha ssir l-ebda sostituzzjoni ma' persuni li ma jkunux jappartjenu għal dak is-sett.

Artikolu 7

Perjodi u metodi għall-ġbir tad-*data*

1. Il-ġbir tad-*data* għandu jinfirex fuq mill-inqas tliet (3) xhur inkluż mill-inqas xahar (1) fil-perjodu minn Settembru sa Diċembru.

2. It-tweġibiet bi prokura għandhom jitħallew isiru biss meta r-rispondent ma jkunx jista' jwieġeb minħabba xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(a) isofri minn indeboliment konjittiv fit-tul;

(b) isofri minn debilizzazzjoni severa fit-tul;

(c) isofri minn indeboliment sensorju fit-tul li jipprevjeni l-interazzjoni bejn l-intervistatur u l-intervistat;

(d) ikun l-isptar, f'faċilità tal-kura tas-saħħa jew soċjali għall-perjodu kollu tal-ħidma fuq il-post.

3. Għall-varjabbli elenkati fl-Anness IV, il-Eurostat għandu juża biss l-informazzjoni miġbura direttament mingħand ir-rispondent għall-komputazzjoni tal-indikaturi relatati. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Eurostat biss dik l-informazzjoni miġbura direttament mingħand rispondent jew l-informazzjoni miġbura direttament mingħand rispondent flimkien mal-informazzjoni miġbura indirettament.

Artikolu 8

Standards komuni għall-editjar, l-imputazzjoni, il-ponderazzjoni u l-istima tad-*data*

1. L-imputazzjoni, il-kalibrazzjoni jew il-ponderazzjoni għandhom jiġu applikati lid-*data* meta jkun meħtieġ.

2. L-imputazzjoni għandha tintuża biex taġġusta biss f'każ ta' nuqqas ta' rispons

3. Il-metodi tal-imputazzjoni statistika għandhom jiġu applikati meta n-nuqqas ta' rispons jaqbeż il-5 % fir-rigward tal-varjabbli ewlenin stabbiliti fl-Anness V li għalihom l-informazzjoni tkun nieqsa, invalida jew inkonsistenti.

4. Il-popolazzjoni ta' referenza għall-ponderazzjoni għandha tkun il-popolazzjoni reali jew stmata li normalment tkun tirrisjedi f'unitajiet domestiċi privati.

5. Il-fatturi tal-ponderazzjoni għandhom jiġu kkalkulati biex iqisu l-probabbiltà li l-unità tintgħażel, ta' nuqqas ta' rispons u, meta xieraq, l-aġġustament tal-kampjun għad-*data* esterna relatata mad-distribuzzjoni tal-persuni fil-popolazzjoni fil-mira.

6. L-aġġustament tal-kampjun għad-*data* esterna għandu jsir fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-persuni fil-popolazzjoni fil-mira skont il-gruppi tal-ġeneru u tal-età.

Artikolu 9

Formati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jibagħtu sett tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) bil-mikrodata verifikata minn qabel li tkun tikkonforma mal-karatteristiċi tal-varjabbli speċifikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, inkluż il-ponderazzjonijiet xierqa, skont l-istandards tal-iskambju tad-*data* statistika u tal-metadata stabbiliti mill-Kummissjoni (Eurostat) u permezz tal-punt uniku ta' servizz.

Artikolu 10

Rapportar tal-kwalità

1. Ir-rapporti tal-kwalità mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-arranġamenti dettaljati u r-rekwiżiti tal-kontenut stabbiliti fl-Anness VI.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-metadata ta' referenza relatata mal-kwalità meħtieġa minn dan ir-Regolament lill-Kummissjoni (Eurostat), skont l-istandards tal-iskambju tad-*data* statistika u tal-metadata. Għandhom jibagħtu l-metadata permezz tal-punt uniku ta' servizz.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET TA' KUNĊETTI STATISTIĊI

(1) **Problema tas-saħħa dejjiema**

Il-problemi tas-saħħa jistgħu jkollhom fiżika, emozzjonali, komportamentali jew mentali. It-terminu jkopri l-mard u d-disturbi iżda anki, pereżempju, l-uġigħ, xi kundizzjoni ħażina tas-saħħa kkawżata b'inċidenti u korrimenti, u l-kundizzjonijiet konġenitali.

Il-karatteristika ewlenija ta' problema tas-saħħa dejjiema hi li din tkun permanenti u tkun mistennija teħtieġ żmien twil ta' superviżjoni, osservazzjoni jew kura. Il-problemi tas-saħħa dejjiema jkun ilhom (jew jerġgħu jfeġġu għal) jew ikunu mistennija jdumu (jew jerġgħu jfeġġu għal) 6 xhur jew aktar; il-problemi temporanji mhumiex inklużi. Il-problemi staġunali jew intermittenti, anki meta jaggravaw għal bejn 4 u 6 xhur kull darba, jitqiesu bħala problemi tas-saħħa dejjiema.

(2) **Limitazzjoni fl-attivitajiet**

"Attività" hi "it-twettiq ta' kompitu jew azzjoni minn individwu" u l-limitazzjonijiet f'attività huma "diffikultajiet li jġarrab individwu biex iwettaq attività".

(3) **Inċident fid-dar jew fil-ħin liberu**

"Inċident fid-dar jew fil-ħin liberu" hu avveniment mhux intenzjonat ikkaratterizzat minn forza malajr jew minn impatt li jwassal għal ħsara fiżika, fid-dar jew madwar id-dar (f'garaxx, fi ġnien, fi sqaq) jew fil-ħin liberu mqatta' għal attivitajiet li jsiru bħala passatemp jew għall-interess personali.

L-inċidenti fid-dar jew fil-ħin liberu jinkludu wkoll:

— il-każijiet ta' avvelenament akut;

— il-korrimenti kkawżati mill-annimali jew l-insetti.

L-inċidenti fid-dar jew fil-ħin liberu ma jinkludux:

— għall-persuni impjegati, l-inċidenti li jiġru waqt it-telexogħol, jiġifieri waqt attività meta jkun jista' jiġi stabbilit għan relatat max-xogħol u li tkun relatata mal-kundizzjonijiet tal-impjieg;

— l-inċidenti fuq il-lant tax-xogħol jew fl-iskola;

— l-inċidenti tat-traffiku;

— il-mard;

— il-korrimenti intenzjonati (minħabba vjolenza interpersonali — atti intenzjonati minn persuni oħra — u ħsara personali intenzjonata);

— il-korrimenti trivjali bħal qtugħ jew grif superfiċjali.

(4) **Uġigħ fiżiku**

L-uġigħ fiżiku hu esperjenza sensorjali u emozzjonali mhux pjaċevoli assoċjata ma' ħsara reali jew potenzjali fit-tessut jew deskritta f'termini ta' tali ħsara; din qatt ma tkun pjaċevoli u għalhekk hi wkoll esperjenza emozzjonali.

(5) **Kura tas-saħħa**

Il-kura tas-saħħa hi oġġetti u servizzi individwali tal-kura tas-saħħa li jingħataw direttament lil persuni individwali u li jiġu kkunsmati minnhom. It-terminu jkopri l-kura kurattiva, il-kura rijabilitattiva, il-kura tas-saħħa fit-tul, is-servizzi anċillari u l-oġġetti mediċi fornuti lill-pazjenti tal-outpatients. Ikopri wkoll diversi modi tal-kura tas-saħħa (pazjenti fl-isptar, outpatients, pazjenti għal jum wieħed, pazjenti tal-kura fid-dar).

(6) **Kura tas-saħħa mentali**

Il-kura tas-saħħa mentali tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa mogħtija biex jiġu trattati d-disturbi mentali u komportamentali. Il-kura tista' tingħata minn persunal mediku (psikjatri) jew minn persunal mhux mediku (psikologi).

(7) **Pazjent fl-isptar**

Il-pazjenti fl-isptar huma l-pazjenti li jiddaħħlu formalment f'faċilità tal-kura tas-saħħa (jiġifieri li jinżammu l-isptar) għal trattament u/jew kura u li jkunu jeħtieġu mill-inqas lejl l-isptar jew f'istituzzjoni oħra li tipprovdi kura lill-pazjenti fl-isptar.

Id-dħul formali ta' pazjent fl-isptar ifisser li l-pazjent jingħata kamra jew sodda għaż-żmien li jqatta' fil-faċilità tal-kura tas-saħħa.

(8) **Pazjent għal jum wieħed**

Il-pazjenti għal jum wieħed li jirċievu servizzi mediċi u paramediċi ppjanati mogħtija f'faċilità tal-kura tas-saħħa, u li jiddaħħlu formalment għal dijanjożi, trattament jew tipi oħra ta' kura tas-saħħa u jintbagħtu d-dar fl-istess jum. It-terminu ma jkoprix lil dawk li jużaw is-servizzi tal-outpatients, is-servizzi tal-emerġenza jew is-servizzi pprovduti minn ċentri dijanjostiċi jew faċilitajiet simili li mhumiex parti minn sptarijiet jew kliniċi privati jew pubbliċi.

Id-dħul formali ta' pazjent fl-isptar ifisser li l-pazjent jingħata kamra jew sodda għaż-żmien li jqatta' fil-faċilità tal-kura tas-saħħa.

(9) **Professjonist tas-saħħa**

Professjonist tas-saħħa hu persuna li bħalissa qed tipprovdi kura tas-saħħa u kwalifikata biex tagħmel dan wara edukazzjoni, taħriġ, ċertifikazzjoni jew liċenzjar. Professjonist tas-saħħa hu assoċjat ma' qasam speċjalizzat jew ma' dixxiplina, u jappartjeni għal wieħed mill-gruppi li ġejjin:

(a) persunal mediku u dentali (tobba ġenerali u speċjalizzati);

(b) infermiera u qwiebel;

(c) professjonisti alleati mal-mediċina, eż. psikologi kliniċi, esperti tad-dieta, fiżjoterapisti;

(d) persunal tal-ambulanza tad-dipartiment tal-emerġenza jew paramediċi;

(e) professjonisti oħra b'kuntatt dirett mal-pazjent, bħall-ispizjara, il-fotografi mediċi, il-persunal tar-rekords mediċi.

(10) **Dentista**

Dentista hu professjonist tas-saħħa li jagħmel dijanjożi u jittratta l-mard, il-korrimenti u l-malformazzjonijiet tas-snien, tal-ħanek u tal-istrutturi orali relatati. Dan ireġġa' l-funzjoni orali lura għan-normal b'firxa wiesgħa ta' trattamenti, bħall-kirurġija u tekniki speċjalizzati oħra, u jagħti pariri dwar is-saħħa orali. Il-kompiti tad-dentisti jinkludu: id-dijanjożi, l-għoti ta' pariri dwar it-trattament dentali meħtieġ u l-għoti ta' dan it-trattament, l-għoti ta' forom tat-trattament kirurġiku u mediku u ta' forom oħra tat-trattament għal tipi partikolari ta' mard u disturbi dentali u orali.

(11) **Ortodontista**

Ortodontista hu speċjalist dentali li jagħmel dijanjożi, jipprevjeni u jsewwi l-irregolaritajiet tas-snien u tax-xedaq (pereżempju jikkoreġi snien mhux allinjati bil-ħadidiet tas-snien).

(12) **Tabib ġenerali/tabib tal-familja**

Tabib ġenerali/tabib tal-familja hu tabib (tabib mediku) li ma jillimitax il-prattika tiegħu għal kategoriji speċifiċi ta' mard (mhux speċjalizzat), li jipprovdi firxa wiesgħa ta' kura medika kontinwa lill-individwi, lill-familji u lill-komunitajiet jew li jista' jirreferi lill-pazjenti għand professjonisti oħra tas-saħħa.

(13) **Speċjalist mediku jew tal-kirurġija**

L-ispeċjalisti mediċi jew tal-kirurġija jirreferu għal tobba mediċi speċjalizzati fid-dijanjożi jew fl-użu ta' tekniki kirurġiċi, jew fit-tnejn li huma, biex jittrattaw disturbi u mard. Il-kompiti tagħhom jinkludu t-twettiq ta' eżamijiet mediċi u d-dijanjożi; il-preskrizzjoni tal-mediċina u l-għoti ta' trattament għal mard, disturbi jew korrimenti dijanjostikati; l-għoti ta' trattament mediku jew kirurġiku speċjalizzat għal tipi partikolari ta' mard, disturbi jew korrimenti; u l-għoti ta' pariri dwar metodi u trattamenti tal-mediċina preventiva u l-applikazzjoni tagħhom. Ma' dawn hemm ukoll il-ġinekoloġi ġenerali, il-psikjatri jew speċjalisti mediċi oħra li jissodisfaw din id-definizzjoni. Anki l-kirurgi dentali huma inklużi, iżda mhux id-dentisti ġenerali.

(14) **Fiżjoterapista/kinesiterapista**

Fiżjoterapista/kinesiterapista hu fornitur mediku jew mhux mediku tal-kura tas-saħħa li japplika waħda jew aktar mit-terapiji li ġejjin biex itejjeb jew ireġġa' l-funzjonijiet motorji ta' pazjent lura għan-normal: terapija tal-moviment, terapija bil-massaġġi, terapija fiżika fis-sens strett (l-applikazzjoni ta' stimuli fiżiċi, elettroterapija, terapija bl-ultrasound, termoterapija, idroterapija, balneoterapija u elettrodijanjostika, iżda mingħajr l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti). Jittratta disturbi tal-għadam, tal-muskoli u ta' partijiet mis-sistema ċirkolatorja jew nervuża permezz ta' metodi manipulattivi, u permezz tal-ultrasound, tat-tisħin, tal-laser jew ta' tekniki simili, jew japplika terapiji bħala parti mit-trattament għall-persuni li jkollhom (temporanjament) diżabbilità fiżika, mard mentali jew żbilanċi.

It-terapiji jingħataw minn dawk il-professjonisti tas-saħħa f'varjetà ta' ambjenti, bħal sptarijiet, prattiki privati, unitajiet mediċi tal-outpatients, stabbiliment tas-servizzi tal-kura fid-dar, skejjel, ċentri tal-fitness, eċċ.

(15) **Psikologu, psikoterapista jew psikjatra**

Il-psikologi, il-psikoterapisti u l-psikjatri huma professjonisti tas-saħħa li jipprovdu kura tas-saħħa mentali, u dawn jistgħu jkunu professjonisti mediċi (psikjatri) jew le. Ir-rwol tagħhom ikopri l-valutazzjoni psikoloġika u l-psikoterapija iżda anki l-kura medika psikjatrika (psikjatri).

(16) **Servizzi tal-kura fid-dar**

Is-servizzi tal-kura fid-dar jinvolvu l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ domestiku mediku u mhux mediku lill-persuni li, minħabba fraġilità mentali jew fiżika, mard jew diżabbiltà, ma jkunux jistgħu jwettqu attivitajiet speċifiċi ta' kura personali jew domestika jew ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom. Dawn jinkludu s-servizzi fid-dar mogħtija minn infermiera jew ħaddiema tal-kura li jżuru d-djar minn istitut, aġenzija jew assoċjazzjoni tas-saħħa, jew minn organizzazzjoni komunitarja li tqabbad persunal (volontarju) professjonali jew mhux professjonali għall-għoti tal-kura.

(17) **Mediċini preskritti**

Il-mediċina hi prodott użat biex itaffi s-sintomi, jipprevjeni l-mard, jew itejjeb id-dgħjufijiet tas-saħħa. Il-mediċini preskritti huma mediċini li jinkitbu b'riċetta minn tabib (irrispettivament minn jekk jiġux rimborżati minn assigurazzjoni tas-saħħa jew le). Dawn jinkludu: il-mediċini, il-mediċini veġetali, il-mediċini omeopatiċi u supplimenti tad-dieta (bħal vitamini, minerali jew toniċi), il-pilloli kontraċettivi użati għal skopijiet oħra minbarra l-kontraċezzjoni, ormoni (minbarra dawk għall-kontraċezzjoni). Il-pilloli u l-ormoni kontraċettivi preskritti u użati għall-kontraċezzjoni mhumiex inklużi.

(18) **Tipjip**

It-tipjip ifisser il-ġbid 'il ġewwa u r-rimi 'l barra man-nifs ta' duħħan minn prodotti tat-tabakk bħal sigaretti manifatturati, sigaretti tal-brim, sigarri, pipi, shishas.

It-tipjip ma jinkludix:

(a) l-użu ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna;

(b) l-użu ta' sigaretti elettroniċi jew ta' apparat elettroniku simili;

(c) it-tipjip tal-kannabis imħallat mat-tabakk.

(19) **Prodotti tat-tabakk imsaħħna**

Il-prodotti tat-tabakk imsaħħna huma prodotti tat-tabakk li jipproduċu ajrusoli bin-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li jiġbed l-utent minn ħalqu.

(20) **Xorb alkoħoliku**

Ix-xorb alkoħoliku jirreferi għax-xorb kollu li fih l-etanol, irrispettivament mit-tip ta' xorb, bħal birra qawwija jew ħafifa, inbid jew l-ispirti, jew mill-kwantità kkunsmata.

KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-VARJABBLI

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: INFORMAZZJONI TAL-ĠBIR TAD-*DATA*					
PRIMSTRAT	Strat	waqt l-għażla	0 001 – 9 999	Identifikatur tal-istrat	Kulħadd
			- 2	Mhux applikabbli	
PSU	Unità Primarja tal-Kampjunar (PSU)	waqt l-għażla	0 001 – 9 999	Identifikatur tal-unità primarja tal-kampjunar	Kulħadd
			- 2	Mhux applikabbli	
Tema dettaljata: IDENTIFIKAZZJONI					
HHID	Numru tal-identifikazzjoni tal-unità domestika	kostanti	YYYYYYYYYY	numru b'10 ċifri	Kulħadd
			- 1	Nieqes	
PID	Numru tal-identifikazzjoni tar-rispondent	kostanti	YYYYYYYYYY	numru b'10 ċifri	
Tema dettaljata: PONDERAZZJONIJIET					
WGT	Ponderazzjoni individwali finali	attwali	YYYYY.YYY	Numru (format 5.3)	Kulħadd
Tema dettaljata: KARATTERISTIĊI TAL-INTERVISTA					
PROXY	Natura tal-parteċipazzjoni fl-istħarriġ	attwali	1	Parteċipazzjoni diretta	Kulħadd
			2	Membru ieħor tal-unità domestika	
			3	Ħaddieħor li mhux fl-unità domestika	
			- 1	Mhux dikjarat	
REFDATE	Data ta' referenza tal-intervista	attwali	YYYY-MM-DD	Data tal-intervista	Kulħadd

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
INTMETHOD	Modalità użata tal-intervista	attwali	10	Intervista personali assistita bil-karti (PAPI)	Kulħadd
			20	Intervista personali assistita bil-kompjuter (CAPI)	
			30	Intervista bit-telefon assistita bil-kompjuter (CATI)	
			40	Intervista bl-Internet assistita bil-kompjuter (CAWI)	
			50	Oħrajn	
INTLANG	Lingwa użata fl-intervista	attwali	XXX	Lista Standard tal-Kodiċijiet (SCL) tal-Eurostat – Lingwi (kodiċi bi 3 ċifri)	Kulħadd
			- 1	Nieqes	
Tema dettaljata: LOKALIZZAZZJONI					
REGION	Reġjun tar-residenza	attwali	10 – ZZ	Reġjun tar-residenza (kodiċi NUTS fil-livell ta' 2 ċifri)	Kulħadd
COUNTRY	Pajjiż tar-residenza	attwali	NN	Pajjiż tar-residenza (il-kodiċi SCL GEO)	Kulħadd
DEG_URB	Grad ta' urbanizzazzjoni	attwali	1	Bliet	Kulħadd
			2	Irħula u subborgi	
			3	Żoni rurali	
Tema dettaljata: DEMOGRAFIJA					
SEX	Ġeneru	attwali	1	Raġel	Kulħadd
			2	Mara	
AGE	Età fi snin magħluqa	attwali	Età	derivata minn REFDATE, YEARBIRTH U PASSBIRTH	Kulħadd

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
YEARBIRTH	Sena tat-twelid	kostanti	YYYY	numru b'4 ċifri	Kulħadd
PASSBIRTH	L-aħħar għeluq is-snin	attwali	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
Tema dettaljata: ĊITTADINANZA U SFOND MIGRATORJU					
BIRTHPLACE	Pajjiż tat-twelid	kostanti	NN	Pajjiż tat-twelid (Kodiċi SCL GEO)	Kulħadd
			ZZ	Twelid barra iżda l-pajjiż tat-twelid mhux magħruf	
			- 1	Mhux dikjarat	
CITIZEN	Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija	attwali	NN	Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija (il-kodiċi SCL GEO)	Kulħadd
			ZZ	Mingħajr Stat	
			XX	Ċittadinanza barranija iżda l-pajjiż mhux magħruf	
			- 1	Mhux dikjarat	
BIRTHPLACEFATH	Pajjiż tat-twelid tal-missier	kostanti	NN	Pajjiż tat-twelid tal-missier (il-kodiċi SCL GEO)	Kulħadd
			ZZ	Il-missier twieled barra l-pajjiż iżda l-pajjiż tat-twelid tal-missier mhux magħruf	
			- 1	Mhux dikjarat	
BIRTHPLACEMOTH	Pajjiż tat-twelid tal-omm	kostanti	NN	Pajjiż tat-twelid tal-omm (il-kodiċi SCL GEO)	Kulħadd
			ZZ	L-omm twieldet barra l-pajjiż iżda l-pajjiż tat-twelid tal-omm mhux magħruf	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: KOMPOŻIZZJONI TAL-UNITÀ DOMESTIKA					
PARTNERS	Partners li jgħixu fl-istess unità domestika	attwali	1	Persuna li tgħix ma' partner legali jew *de facto*	Kulħadd
			2	Persuna li ma tgħixx ma' partner legali jew *de facto*	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
HHNBPERS	Daqs tal-unità domestika	attwali	Għadd	L-għadd totali ta' membri fl-unità domestika	Kulħadd
			- 1	Mhux dikjarat	
HHNBPERS_0_13	L-għadd ta' persuni li għandhom 13-il sena jew inqas	attwali	Għadd	L-għadd ta' persuni li għandhom 13-il sena jew inqas	Kulħadd
			- 1	-1 Mhux dikjarat	
HHTYPE	Tip ta' unità domestika	attwali	10	Unità domestika b'persuna waħda	Kulħadd
			21	Ġenitur waħdu b'mill-inqas wild wieħed li m'għalaqx il-25 sena	
			22	Ġenitur waħdu li wliedu kollha għalqu l-25 sena	
			31	Koppja mingħajr tfal	
			32	Koppja b'mill-inqas wild wieħed li m'għalaqx il-25 sena	
			33	Koppja li wliedhom kollha għalqu l-25 sena	
			40	Tip ieħor ta' unità domestika	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: STATUS TAL-ATTIVITÀ EWLENIJA (AWTODEFINIZZJONI)					
MAINSTAT	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)	attwali	10	Impjegat	Kulħadd
			20	Bla xogħol	
			30	Irtirat	
			40	Ma jistax jaħdem minħabba problemi tas-saħħa dejjiema	
			50	Student	
			60	Persuna li taqdi xogħol tad-dar	
			70	Servizz militari jew ċivili obbligatorju	
			80	Oħrajn	
			- 1	Mhux dikjarat	
Tema dettaljata: KARATTERISTIĊI ELEMENTARI TAL-IMPJIEG					
JOBISCO	Xogħol fl-impjieg ewlieni	attwali	00, 11 – 96	ISCO-08 fil-livell ta' 2 ċifri	MAINSTAT = 10
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
LOCNACE	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni	attwali	A, B, C…	Karattru wieħed li jirrappreżenta t-taqsima NACE	MAINSTAT = 10
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
FT_PT	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit)	attwali	1	Impjieg full-time	MAINSTAT = 10
			2	Impjieg part-time	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
JOBSTAT	Status tal-impjieg fl-impjieg ewlieni	attwali	11	Persuna li taħdem għal rasha bl-impjegati	MAINSTAT = 10
			12	Persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati	
			20	Impjegat	
			30	Ħaddiem tal-familja (bla ħlas)	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
Tema dettaljata: LIVELL EDUKATTIV MILĦUQ					
HATLEVEL	Livell edukattiv milħuq (l-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess)	attwali	0	L-ebda edukazzjoni formali jew inqas mill-ISCED 1	Kulħadd
			1	ISCED 1 Edukazzjoni primarja	
			2	ISCED 2 Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	
			3	ISCED 3 Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell	
			4	ISCED 4 Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	
			5	ISCED 5 Edukazzjoni terzjarja b'ċiklu qasir	
			6	ISCED 6 Baċellerat jew livell ekwivalenti	
			7	ISCED 7 Masters jew livell ekwivalenti	
			8	ISCED 8 Dottorat jew livell ekwivalenti	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: INTROJTU TOTALI FIX-XAHAR TAL-UNITÀ DOMESTIKA					
HHINCOME	Introjtu attwali nett fix-xahar tal-unità domestika	sena kalendarja attwali	1	Grupp ta' introjtu attwali nett ugwalizzat fix-xahar aktar baxx	Kulħadd
			2	Grupp ta' introjtu attwali nett ugwalizzat fix-xahar baxx sa medju	
			3	Grupp ta' introjtu attwali nett ugwalizzat fix-xahar medju	
			4	Grupp ta' introjtu attwali nett ugwalizzat fix-xahar medju sa għoli	
			5	Grupp ta' introjtu attwali nett ugwalizzat fix-xahar ogħla	
			- 1	Mhux dikjarat	
Tema dettaljata: MODULU MINIMU TAS-SAĦĦA EWROPEA					
HS1	Awtopercezzjoni dwar is-saħħa ġenerali	attwali	1	Tajba ħafna	Kulħadd
			2	Tajba	
			3	Medja (la tajba u lanqas ħażina)	
			4	Ħażina	
			5	Ħażina ħafna	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
HS2	Problema tas-saħħa dejjiema	attwali	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
HS3	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa	attwali	1	Limitati ħafna	Kulħadd
			2	Limitati iżda mhux ħafna	
			3	Mhux limitati	
			- 1	Mhux dikjarat	
Tema dettaljata: MARD U KUNDIZZJONIJIET KRONIĊI					
CD1 A	Ażma fl-aħħar 12-il xahar (inkluż l-ażma allerġika)	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1B	Bronkite kronika, mard pulmonari ostruttiv kroniku, jew enfisema fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1C	Infart kardijaku (attakk tal-qalb) jew konsegwenzi kroniċi ta' infart kardijaku fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1D	Mard koronarju tal-qalb jew anġina pektoris fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1E	Pressjoni tad-demm għolja fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
CD1F	Puplesija (emorraġija ċerebrali, tromboż ċerebrali) jew konsegwenzi kroniċi ta' puplesija fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1G	Artroż (eskluż l-artrite) fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1H	Problema fil-parti t'isfel tad-dahar jew xi difett kroniku ieħor fid-dahar fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1I	Problema fl-għonq jew xi difett kroniku ieħor fl-għonq fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1J	Dijabete fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1K	Allerġija, bħal rinite, infjammazzjoni fl-għajnejn, dermatite, allerġija għall-ikel jew oħrajn (eskluż l-ażma allerġika) fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
CD1M	Inkontinenza tal-awrina, problemi fil-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1N	Problemi tal-kliewi fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1O	Dipressjoni fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1P	Livelli għolja ta' lipidi fid-demm fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD1R	Kanċer (jiġifieri persuna dijanjostikata b'kanċer, qed tirċievi trattament tal-kanċer, qed tgħix bil-kanċer) fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
CD2	Awtoperċezzjoni dwar is-saħħa orali ġenerali	attwali	1	Tajba ħafna	Kulħadd
			2	Tajba	
			3	Medja (la tajba u lanqas ħażina)	
			4	Ħażina	
			5	Ħażina ħafna	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: INĊIDENTI U KORRIMENTI					
AC1	Okkorrenza ta' inċident fid-dar jew waqt il-ħin liberu fl-aħħar 12-il xahar	l-aħħar 12-il xahar	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
Tema dettaljata: UĠIGĦ					
PN1	Intensità tal-uġigħ fiżiku fl-aħħar 4 ġimgħat	l-aħħar 4 ġimgħat	1	L-ebda	Kulħadd
			2	Ħafif ħafna	
			3	Ħafif	
			4	Moderat	
			5	Qawwi	
			6	Qawwi ħafna	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
PN2	Kemm dak l-uġigħ interferixxa fix-xogħol normali tal-persuna fl-aħħar 4 ġimgħat (fix-xogħol tad-dar u barra mid-dar)	l-aħħar 4 ġimgħat	1	Lanqas xejn	jekk PN1 = 2, 3, 4, 5 jew 6
			2	Ftit biss	
			3	Moderatament	
			4	Ftit mhux ħażin	
			5	Immensament	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
Tema dettaljata: SAĦĦA MENTALI, INKLUŻ VIZZJI					
MH1 A	Kemm kellha nuqqas ta' interess jew pjaċir fl-affarijiet li għamlet fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH1B	Kemm ħassitha mdejqa, dipressa jew bla tama fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH1C	Kemm sabitha diffiċli torqod jew tibqa' rieqda, jew kemm raqdet iżżejjed fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
MH1D	Kemm ħassitha għajjiena jew bi ftit enerġija fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH1E	Kemm ħassitha bla ġuħ jew kielet iżżejjed fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH1F	Kemm ħassitha negattiva dwarha nnifisha, jew kemm ħasset li falliet jew iddiżappuntat lilha nnifisha jew lill-familja tagħha fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
MH1G	Kemm ma setgħetx tikkonċentra fuq xi ħaġa, bħal taqra l-gazzetta jew tara t-televiżjoni fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH1H	Kemm iċċaqalqet jew tkellmet bil-mod tant li ħaddieħor seta' jinnota; jew kemm kienet bla kwiet li kienet qed tiċċaqlaq minn post għall-ieħor ħafna aktar mis-soltu fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Lanqas xejn	Kulħadd
			2	Diversi jiem	
			3	Aktar minn nofs il-jiem	
			4	Kważi kuljum	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH2 A	Ħassitha ħerqana u bi spirtu pożittiv fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Il-ħin kollu	Kulħadd
			2	Kważi l-ħin kollu	
			3	Aktar minn nofs il-ħin	
			4	Inqas minn nofs il-ħin	
			5	Ftit mill-ħin	
			6	Qatt	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
MH2B	Ħassitha kalma u rilassata fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Il-ħin kollu	Kulħadd
			2	Kważi l-ħin kollu	
			3	Aktar minn nofs il-ħin	
			4	Inqas minn nofs il-ħin	
			5	Ftit mill-ħin	
			6	Qatt	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH2C	Ħassitha attiva u enerġetika fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Il-ħin kollu	Kulħadd
			2	Kważi l-ħin kollu	
			3	Aktar minn nofs il-ħin	
			4	Inqas minn nofs il-ħin	
			5	Ftit mill-ħin	
			6	Qatt	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
MH2D	Ħassitha friska u mistrieħa fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Il-ħin kollu	Kulħadd
			2	Kważi l-ħin kollu	
			3	Aktar minn nofs il-ħin	
			4	Inqas minn nofs il-ħin	
			5	Ftit mill-ħin	
			6	Qatt	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
MH2E	Tħoss li l-ħajja tagħha ta' kuljum kienet mimlija affarijiet li jinteressawha fl-aħħar ġimagħtejn	l-aħħar ġimagħtejn	1	Il-ħin kollu	Kulħadd
			2	Kważi l-ħin kollu	
			3	Aktar minn nofs il-ħin	
			4	Inqas minn nofs il-ħin	
			5	Ftit mill-ħin	
			6	Qatt	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 3	Proxy	
Tema dettaljata: LIMITAZZJONIJIET FUNZJONALI					
PL1	Tilbes nuċċali jew lentijiet tal-kuntatt	attwali	1	Iva	Kulħadd
			2	Le	
			3	Għamja jew ma tista' tara xejn	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
PL2	Diffikultà fil-vista, anki meta tilbes nuċċali jew lentijiet tal-kuntatt	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk PL1 = 1, 2 jew -1
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PL3	Tuża apparat għas-smigħ	attwali	1	Iva	Kulhadd
			2	Le	
			3	Truxa ħafna	
			- 1	Mhux dikjarat	
PL4	Diffikultà biex tisma' dak li jingħad f'konverżazzjoni ma' xi persuna oħra f'kamra kwieta anki meta tuża apparat għas-smigħ	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk PL3 = 1, 2 jew -1
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PL5	Diffikultà biex tisma' dak li jingħad f'konverżazzjoni ma' xi persuna oħra f'kamra storbjuża anki meta tuża apparat għas-smigħ	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk PL3 = 1, 2 jew -1
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
PL6	Diffikultà biex timxi nofs kilometru fil-wità mingħajr l-għajnuna	attwali	1	L-ebda diffikultà	Kulħadd
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
PL7	Diffikultà biex titla'/tinżel 12-il tarġa	attwali	1	L-ebda diffikultà	Kulħadd
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
PL8	Diffikultà bil-memorja jew bil-konċentrazzjoni	attwali	1	L-ebda diffikultà	Kulħadd
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
PL8 A	Diffikultà bil-komunikazzjoni (b'lingwa ordinarja, pereżempju biex tifhem jew tinftiehem)	attwali	1	L-ebda diffikultà	Kulħadd
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
PL9	Diffikultà biex tigdem u tomgħod l-ikel iebes	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
Tema dettaljata: DIFFIKULTAJIET FL-ATTIVITAJIET TAL-KURA PERSONALI					
PC1 A	Diffikultà biex tiekol	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PC1B	Diffikultà biex tidħol u toħroġ mis-sodda jew biex tpoġġi u tqum minn fuq is-siġġu	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
PC1C	Diffikultà biex tilbes u tinża'	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PC1D	Diffikultà biex tuża t-toilet	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PC1E	Diffikultà biex tieħu banju jew doċċa	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Perjodu ta' referenza	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Filtru
PC2	Normalment tirċievi l-għajnuna f'attività waħda jew aktar tal-kura tagħha stess: titma' lilha nnifisha, tidħol u toħroġ mis-sodda jew tpoġġi u tqum minn fuq is-siġġu, tilbes u tinża', tuża t-toilet, tieħu banju jew doċċa	attwali	1	Iva, f'mill-inqas attività waħda	jekk [(AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55] u [(PC1 A = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1B = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1C = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1D = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1E = 2 jew 3 jew 4)]
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
PC3	Teħtieġ l-għajnuna jew aktar għajnuna f'attività waħda jew aktar tal-kura tagħha stess: titma' lilha nnifisha, tidħol u toħroġ mis-sodda jew tpoġġi u tqum minn fuq is-siġġu, tilbes u tinża', tuża t-toilet, tieħu banju jew doċċa	attwali	1	Iva, f'mill-inqas attività waħda	jekk [(AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55] u [(PC1 A = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1B = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1C = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1D = 2 jew 3 jew 4) jew (PC1E = 2 jew 3 jew 4)]
			2	Le	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	
Tema dettaljata: DIFFIKULTAJIET FL-ATTIVITAJIET TAD-DAR					
HA1 A	Diffikultà biex tipprepara l-ikel	attwali	1	L-ebda diffikultà	jekk (AGE < 55 u HS3 = 1 jew 2) jew AGE ≥ 55
			2	Xi diffikultà	
			3	Diffikultà kbira	
			4	Ma tista' xejn/inkapaċi	
			5	Mhux applikabbli (qatt ma ppruvat jew m'hemmx bżonn tagħmel dan)	
			- 1	Mhux dikjarat	
			- 2	Mhux applikabbli	

